

Avviż mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 14 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati EPA SADC, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Kumulazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati AKP aderenti mal-FSE u l-pajjiżi u t-territorji *extra-Ewropej* tal-UE, kif previst skont il-paragrafi 3 u 7 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tal-FSE UE-SADC

(2018/C 407/07)

Il-paragrafi 3 u 7 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ("l-FSE") bejn l-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u l-Istati tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("is-SADC") aderenti mal-FSE⁽¹⁾, jipprevedi kumulazzjoni fl-Unjoni.

Dik il-kumulazzjoni tippermetti lill-esporaturi fl-Unjoni biex fil-prodotti li jesportaw lejn l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE, jinkorporaw materjali oriġinarji minn Stati oħra Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ("AKP") aderenti mal-FSE jew mill-pajjiżi u t-territorji *extra-Ewropej* ("il-PTEE"), jew tħaddim jew ipproċessar imwettaq f'dawk il-pajjiżi jew it-territorji, daqslikieku kienu oriġinarji mill-Unjoni jew imwettaq fiha.

Sabiex tiġi operata dik il-kumulazzjoni, l-Unjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- tikkonkludi arranġament jew ftehim dwar il-kooperazzjoni amministrattiva mal-pajjiżi u t-territorji kkonċernati, li jiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-Artikolu 4; kif ukoll
- tinnotifika l-Istati tal-SADC aderenti mal-FSE, permezz tas-Segretarjat tal-Unjoni Doganali tal-Afrika tan-Nofsinhar u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ tal-Mozambique, bid-dettalji ta' dawn il-ftehimiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.

L-Unjoni kkonkludiet arranġament jew ftehimiet dwar il-kooperazzjoni amministrattiva mal-Istati AKP aderenti mal-FSE u l-PTEE li ġejjin:

- Il-Karibew: Antigua u Barbuda; il-Commonwealth tal-Bahamas; il-Barbados; il-Belize; il-Commonwealth ta' Dominica; ir-Repubblika Dominicana; il-Grenada; ir-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana; il-Ġamajka; Saint Kitts u Nevis; Saint Lucia; Saint Vincent u l-Grenadini; ir-Repubblika tas-Suriname u r-Repubblika ta' Trinidad u Tobago;
- Ir-Reġjun tal-Afrika Ċentrali: ir-Repubblika tal-Kamerun;
- Ir-Reġjun tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar: ir-Repubblika ta' Madagascar; ir-Repubblika ta' Mauritius; ir-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika taż-Żimbabwe;
- Ir-Reġjun tal-Paċifiku: l-Istat Indipendenti ta' Papua New Guinea u r-Repubblika ta' Fiġi;
- Ir-Reġjun tal-Afrika tal-Punent: ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju;
- Il-PTEE: Greenland; New Caledonia u d-Dipendenzi tagħha; il-Polineżja Franċiża; it-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika; il-Gżejjer Wallis u Futuna; Saint Barthélemy; Saint Pierre u Miquelon; Aruba; Bonaire, Curaçao; Saba, Sint-Eustasius; Sint Marteen; Anguilla; Bermuda; il-Gżejjer Cayman; il-Gżejjer Falkland; il-Georgia tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar; Montserrat; Pitcairn; Saint Helena u d-Dipendenzi tagħha; it-Territorju Brittaniku tal-Antartika; it-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan; il-Gżejjer Turks u Caicos u l-Gżejjer Verġni Brittaniċi.

Il-Kummissjoni Ewropea tinforma li b'segwitu ta' dawn in-notifiki, l-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti speċifikati hawn fuq u mill-1 ta' Ottobru 2018 se tibda tapplika l-kumulazzjoni mal-Istati AKP aderenti mal-FSE u l-PTEE elenkati hawn fuq, prevista skont il-paragrafi 3 u 7 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 tal-FSE UE-SADC.

L-avviż preżenti hija ppubblikata skont il-paragrafu 14 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll tal-FSE UE-SADC.

⁽¹⁾ ĠU L 250, 16.9.2016, p. 1924